

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/755

tat-8 ta' Ġunju 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2383 dwar l-appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2383 ⁽¹⁾, li ttipprevedi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi f'dik id-Deċiżjoni, għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha.
- (2) Il-ftehim ta' finanzjament mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA, *International Atomic Energy Agency*) ġie ffirmat fil-15 ta' Ġunju 2017 u, għalhekk, jiskadi fl-14 ta' Ġunju 2020.
- (3) Fit-8 ta' Mejju 2020, l-IAEA talbet estensjoni tal-perijodu ta' implimentazzjoni u tal-iskadenza għall-kuntrattazzjoni taħt id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2383 minn 36 għal 42 xahar, sal-14 ta' Diċembru 2020. L-estensjoni mitluba hija dovuta għall-pandemija tal-COVID-19 u s-sospensjoni temporanja tal-ivvjaġġar u l-laqgħat mhux kritiċi kollha sal-1 ta' Ġunju 2020, inklużi dawk maħsuba li jsiru fi Vjenna, li jeħtieġu l-parteciġazzjoni ta' esperti mhux residenti.
- (4) Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/2383 tista' ssir mingħajr ebda implikazzjoni għar-riżorsi finanzjarji sal-14 ta' Diċembru 2020.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2383 tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/2383 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fl-14 ta' Diċembru 2020.”.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2383 tal-21 ta' Diċembru 2016 dwar l-appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 74).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ
